MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 86

It-Tnejn, 23 ta' April, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

86.1.1 Ġew ippreżentati l-ittri ta' apoloġija mis-Sur Darren Carabott u mis-Sur Gianluca Falzon.

### 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

86.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 83 (tlieta u tmenin) li saret fid-14 ta' Frar, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 84 (erbgħa u tmenin) li saret fis-26 ta' Marzu, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 85 (ħamsa u tmenin) li saret fis-26 ta' Marzu, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### 86.2.2 Korrezzjonijiet

86.2.2.1 86.2.2.1 - Minuta 85.1 – Titneħħa l-kelma "ppresieda" u tiżdied il-kelma "mexxa"

### Punti mqajma mill-minuti

86.2.2.2 Minuta 84.2.2.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-proċess tas-*CCTVs* issa skatta u kien hemm talbiet sabiex isiru kameras oħra fi Triq Brighella kantuniera ma Triq Abela, fi Triq il-Kanun (fejn tagħlaq) kif ukoll fi Triq Patri Dun Franġisk Grech għaliex f'dawn il-postijiet qed jintrema ħafna skart apparti li qed ikun hemm ukoll illegalita fl-ipparkjar.

Il-membri qablu unanimament għal possibilta li dawn ukoll jiżdiedu.

86.2.2.3 Minuta 84.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li ttieħed parir legali rigward dan il-kas. L-avukat tat parir li jekk il-Kunsill ser iħallas xi danni, dan jista' jiġi interpretat bħala ammissjoni. Il-persuna in kwistjoni ġiet infurmata permezz ta' ittre sabiex jikkuntattja lill-Kappillan ta' Fleur-de-Lys.

86.2.2.4 Minuta 84.3.4– Is-Sur Horace Anastasi informa lill-Kunsill li huwa attenda għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju Nazzareno Vassallo *Annual Award* li ġiet organizzata minn Care Malta fil-Palazz ta' San Anton. Dan il-premju intrebaħ mis-Sur John Borg Bonello, anzjan ta' 'l fuq minn 90 sena.

Fis-6.45 ta' filgħaxija wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

86.2.2.5 Minuta 84.3.9 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Akkademja Musico-Letterarja ser issir nhar is-Sibt 5 ta' Mejju, 2018 fi-7.30pm bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għall-*P.A. System.* L-ispiża tammonta għal €300 mingħand is-Sound Factory.

Il-membri qablu unanimament.

86.2.2.6 Minuta 84.5.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur tal-knis mhux qed jagħmel xogħol sodisfaċenti, għalkemm qed ikun imwissi ripetutament. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jinġiebu 3 kwotazzjonijiet oħra għal servizz ta' knis b'2 ħaddiema *full time* sabiex jiġi deċiż fil-laqgħa li jmiss.

Il-membri qablu unanimament.

86.2.2.7 Minuta 84.5.2 – Is-Sindku informa lill membri li rigward il-kuntratt tat-Trasport taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, il-*Procurement Officer* issuġġerixxa li jinżamm il-kuntratt eżistenti u li jinħareġ kuntratt ieħor li jkun ibbażat fuq kull vjaġġ u li l-Kunsill iżomm id-dritt li jżid jew inaqqas in-numru ta' vjaġġi. Il-kuntratt il-ġdid ikun għal perjodu ta' 3 snin.

Il-membri qablu unanimament.

86.2.2.8 Minuta 84.6.2 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Jason Mangani flimkien ma' Santa Venera Nursery u Frame Football Malta, organizzaw il-*Football Festival* nhar is-Sibt 21 ta' April, 2018. Ħadu sehem timijiet minn Ħal-Luqa, Valletta, Ħaż-Żabbar, Santa Venera kif ukoll *Frame Football Malta.* Il-President ta' Santa Venera Lightnings ser jgħaddilna data ta' meta nkunu nistgħu nippreżentaw it-tokens.

86.2.2.9 Minuta 85.1 – Is-Sindku informa lill-membri li nhar il-Ħadd 15 ta' April, 2018, it-trasport għal-logħba meta Santa Venera Lightnings ħadu l-promozzjoni għat-tieni diviżjoni fil-kampjonat tal-football Malti ġie organizzat u li kollox mexxa u rnexxa kif kien mixtieq.

## 86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

86.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li nhar il-Ħadd 22 ta' April, 2018, saret l-*Earth Clean-Up Day* organizzata mill-Kunsill u bil-kollaborazzjoni ta' diversi volontiera. Il-Kunsillier, is-Sur Silvio Vella ħa ħsieb il-kordinazzjoni ta' din l-attivita'. Ipparteċipaw ukoll f'din l-attivita' il-Kunsilliera is-Sur Jason Mangani kif ukoll is-Sur Darren Carabott.

86.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna komunikat mingħand is-Sinjuri Mario Coleiro, Eman Micallef u Sandro muscat f'isem il-Kumitat Festi Esterni, il-Kumitat tal-Banda kif ukoll il-Kumitat tan-Nar rispettivament li urew ix-xewqa li flimkien mal-Kunsill Lokali jorganizzaw attivita' Vendriża. Din hija maħsuba sabiex issir bejn id-9 u l-10 ta' Ġunju, 2018 sabiex ikomplu maċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju. Il-Kunsill Lokali ser jieħu ħsieb sabiex jinġiebu l-permessi neċessarji, il-*main 3 phase* f'Misraħ Santa Venera, *barriers, Show of Arms*, kiri ta' mobile toilets, l-użu tal-Gnien Romeo Romano, inkluż il-parti fejn hemm is-sienja, gwardjani, *posters u flyers.* Din l-attivita kulturali hekk kif ipproponuta mis-Sindku ġiet issekondata mis-Sur Jonathan Brimmer.

Il-membri qablu unanimament.

86.3.3 Is-Sindku informa lill-membri, li s-Soċjeta Filarmonika Santa Venera għandha President ġdid, is-Sur John Attard. Is-Sur Attard jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill u sejjaħ laqgħa nhar l-Erbgħa 25 ta' April, 2018 fit-8.30pm.

86.3.4 Is-Sindku informa lill-membri għandu f'idejh stampa artistika tal-*bus* xelter li qed ikun ikun ipproponut għal Triq il-kbira San Ġużepp. Dan mhux ser jiswa flus lill-Kunsill peress li ser ikun fih riklam. Il-membri qablu li x-xelter għandu jsir sal-art minħabba l-ilma tax-xita.

Il-membri qablu unanimament. Eventwalment ser jiġi ffirmat ftehim f'dan ir-rigward.

86.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna komunikat mingħand l-Awtorita' tad-Djar li se tkompli bil-programm ta' Skema 2 dwar il-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern u li ser talloka lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera is-somma ta' €10,000 għas-sena 2018 sabiex jintużaw għal dan il-għan. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie inkarigat sabiex jidentifika 2 blokok sabiex jibbenefikaw minn din l-iskema. Is-Sindku issuġġerixxa li jintgħażlu Blokka Ġ u Blokka J ta' Binja Indipendenza, Triq Patri Ġustin Sant. Nippruvaw ukoll biex inġibu fondi għal Blokka I.

Wara diskussjoni, il-membri qablu ma dak li qed jiġi ppropont b'mod unanimu.

86.3.6 Is-Sindku informa lill-membri għadhom għaddejjin id-diskussjoninjiet dwar it-*Traffic Management* ta' Triq il-Brunżar u dwar il-*Loading/Unloading Bay.* Għaldaqstant, il-Kunsill qed jistenna kif ser jiżvolġu l-affarijiet sabiex wara nkunu f'pożiżżjoni li tittieħed deċiżjoni.

86.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li nhar il-Ġimgħa 27ta' April, 2018 fit-3.30pm ser issir laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett ġewwa l-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex min jixtieq jattendi.

## 86.4 *Rapporti/Korrispondenza*

86.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Christine Grixti kitbet lill-Kunsill fejn uriet ix-xewqa li tħawwel siġra fil-Ġnien Romeo Romano *ad unur* id-donatur li salvalha ħajjitha.

Il-membri qablu unanimament.

86.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna proposta Sammer First Aid Courses, sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-*First Aid & AED Training.* Il-korsijiet li jsiru minn persuni kwalifikati, huma twal 12-il siegħa u l-prezz huwa ta' €30. Ma kull 10 persuni li japplikaw, persuna mill-Kunsill tkun tista' tattendi għal dan il-kors b'xejn. Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jisponsorja €20 mit-€30 u min japplika jħallas €10.

Il-membri qablu unanimament.

86.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna mingħand l-*Street Naming Committee* li fi Triq Reġjonali hemm numru ta' garaxxijiet li ma kinux ġew numerati. Għaldaqstant, minħabba l-iżvilupp ta' għadd ta' appartamenti ġodda, inħasset il-ħtieġa li Triq Reġjonali terga' tiġi numerata mill-ġdid. Issuġġerew ukoll li ssir proposta għal żewġ ismijiet ta' Toroq ġodda. Is-Sindku ppropona li jinbidel l-isem tal-mini u jsir Triq il-Mini Reġjonali, kif ukoll li jsir eżerċizzju fi Triq il-Blata l-Kaħla u fi Triq is-Soll minħabba li dawn it-toroq inqasmu kaġun tal-istess mini. L-*Street Naming Committee* innutaw ukoll li fi Triq il-Kbira San Ġuzepp, minn Triq L-Imsida sa ħdejn St Joseph Petrol Station, kollha għandhom l-istess numru. Għaldaqstant, huma issuġġerew li n-numru jibqa' l-istess u jiżdied miegħu ittra tal-alfabet. B'dan il-mod residenza waħda biss ser tiġi affettwata.

Il-membri qablu unanimament

86.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li inġiebu 3 kwotazzjonijiet għal skrivanija u cabinets b'żewġ bibien kull wieħed.

1. Oxford House - €1,074.75 (incl VAT)
2. Style Furniture - €1,739.00 (incl VAT)
3. Marvin's Warehouse - €695.00 (incl VAT)

Il-cabinet u skrivanija ser jinxtraw mingħand Marvin's Warehouse li tana l-orħos kwotazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

86.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li inġiebu 3 kwotazzjonijiet għal 3 kompjuters kompluti bl-*operating system* u 4 Microsoft Office.

1. Klikk Computers Ltd – €2,704.65 (incl VAT)
2. Scan Vomputers Ltd – €2,571.87 (incl VAT)
3. IPS – €2,085.00 (incl VAT)

It-3 compjuters u 4 Microsoft Office ser jinxtraw mingħand IPS li tana l-orħos kwotazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

## 86.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

86.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Jason Mangani qed jorganiżża l-attivita' ta' Jum l-Omm nhar is-Sibt 12 ta' Mejju, 2018 ġewwa Apap Institute. Din l-attivita' ser issir bil-parteċipazzjoni tal-Banda ta' Santa Venera u ser jiġi servut xi ikel u xorb.

Il-membri qablu unanimament.

Fit-20.15 is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

Fit-20.15 is-Sur Horace Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

86.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li saret l-evalwazzjoni, mill-kumitat tal-evalwazzjoni, tal-kuntratt tad-dwal tat-toroq. Inxteħtet offerta waħda minn Micamed Limited u l-prezzijiet huma skont is-suq.

Il-membri qablu unanimament.

86.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li għandu f'idejh il-ftehim il-ġdid mal-kuntrattur GreenPak. Is-Sindku informa lill-membri li huwa għamel numru ta' proposti ġodda fosthom,

- Il-possibilta' li jipprovdu kaxxi tal-kartun sabiex fihom jinġabar il-ħġieġ. Għal din il-proposta, ir-risposta kienet fin-negattiv.
- Il-possibilta' li tirdoppja il-kollezzjoni tal-ħġieġ, minn darba fix-xahar issir darbtejn, iżda r-risposta kienet fin-negattiv ukoll.
- Il-possibilta' li naqilbu għall-organik, iżda din ir-riforma ser tidħol fis-seħħ, f'Settembru, għal Malta kollha.
- Il-possibilta' li fi Triq il-Parata jiġu introdotti *bins on wheels* minħabba z-zieda ta' appartamenti. Din il-proposta hija possibbli jekk ir-residenti jaċċettaw.

Il-GreenPak qiegħed fil-proċess li jibdlu l-kontenituri tal-*bring in sites.* Dawn il-kontenituri ġodda li huma parti minn *Intelligent Recycling Bins Project* ser ikollhom *sensor* biex ikunu jafu sa fejn ikunu mimlijin.

Il-membri qablu unanimament li l-ftehim jiġi ffirmat.

## 86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

86.6.1 Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u / jew Sotto Kumitati.

## 86.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 86.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 65 sa 88.

| | |
|---|---|
| 65 | Works Order għal Dogbin |
| 66 | Works Order |
| 67 | Saret minn Ħaddiema Assenjati |
| 68 | Tender CCTV's |
| 69 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 70 | Ħaddiema Assenjati |
| 71 | WO lil B.Grima & Sons |
| 72 | Contracts Manager |
| 73 | WO lil B. Grima & Sons |
| 74 | Contracts Manager |
| 75 | Rifjutata |
| 76 | Ħaddiema Assenjati |
| 77 | Ħaddiema Assenjati |
| 78 | Ħaddiema Assenjati |
| 79 | WO lil B.Grima & Sons |
| 80 | Jiġi kuntattjat is-sid |
| 81 | Perit / Pulizija |
| 82 | WO lil B.Grima & Sons |
| 83 | WO lil Central Asphalt |
| 84 | WO lil B.Grima & Sons |
| 85 | Contracts Manager |
| 86 | Contracts Manager |
| 87 | Ħaddiema Assenjati |
| 88 | Contracts Manager |

## 86.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Mejju, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 28 ta' Mejju, 2018

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv